MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Numru 597/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neil Harrison)**

**vs**

**Robert Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Robert Borg , ta’ 21 sena, iben Joseph u Carmen nee’ Micallef, imwieled Pieta fil-5 ta’ Dicembru 1979, residenti 7, Gheriexem Street, Rabat u detentur ta’ karta tal-identita numru 24780M.

Akkuzat talli: -

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza,

dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma' kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma' kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabieb Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma' kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta.

b) ukoll talli, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Brian Micallef, ta' 27 sena, iben Francis u Rosina nee' Galea, imwieled Pieta fit-8 ta' Frar 1975, residenti Farmhouse, il-Ponta, l-Imtahleb, limiti tar-Rabat, Malta detentur ta' karta tal-identita numru 94375M,

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Lulju 2002 u matul l-ahhar gimghat qabel dina d-data:

c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma' kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma' kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu teighu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern

tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Li l-imputat miet fil-mori ta' dawn il-proceduri kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt li gie esebit.

Ghaldaqstant tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------